**Kunsill Lokali – Ħal Tarxien – Local Council**
73, Triq Sana Maria, Ħal Tarxien. TXN 1704
Tel: 21666688, 21666777
Email: tarxien.lc@gov.mt
Web: www.tarxienlc.com

Minuti tal-Pjan ta' Hidma tal-lokalita' ghas-sena 2019 - 2023, li nzammet Sala Kristu Rxoxt, Triq A. Caruana, Ħal Tarxien, nhar il-Hadd 29 ta' Settembru 2019, fl-10:00 am.

**Prezenti :**

Joseph Abela Galea - Sindku
Darlene Vella Zammit – Vici Sindku
Neil Portelli - Kunsillier
Thomas Debattista - Kunsillier
Christian Pace - Kunsillier
Ismael Dalli - Kunsillier
Anabelle Marmara' – Kunsillier

**Assenti :**

Ismael Dalli - Kunsillier

**Uffical Prezenti:**

Emma Vella – Deputat Segretarju Ezekuttiv

---

**Agenda ghal-laqgha:**

1. Indirizz mis-Sindku
2. Qari ta' Pjan ta' Ħidma ghas snin 2019 - 2023
3. Prezentazzjoni tar- Rapport Finanzjarju
4. Suggerimenti/Ilmenti mill-pubbliku

## 01 **Indirizz mis-Sindku**

01/01 Nixtieq nirrangrazzja l-kulhadd prezenti specjalment lill-shabi l-Kunsilliera u lill-Amministrazzjoni tal-Kunsill ghall-hidma taghhom b'risq il-lokalita' matul dawn l-ahhar xhur u nwieghdukom li hekk se jibqa' jsehh ghall-hames snin li gejjijn. Ghalkemm il-hidma taghna se tkun wahda pjuttost impenjattiva qed inzommu f'mohhna li dan kollu huwa ghar-rezidenti li jabitaw f'din l-lokalita' li hi daqstant ghall-qalbna. Inwieghdukom li l-hidma taghna se tkompli bla waqfien u ma' ahna ha nieqfu qatt. Nelenka li dan mhux bi ftahir imma b'responsabbiltà li dan il-Kunsill ikompli jaqdi dmiru lejn dan ir-rahal u lejn ir-residenti tieghu.

## 02 **Qari ta' Pjan ta' Ħidma ghas snin 2019- 2023**

02/01 Is-Sindku spjega il-Pjan ta' Ħidma ghal-hames sninli gejjijn;

Ahna bdejna l-hidma taghna billi diga' qed naghmlu diversi *clean-ups* f' zoni madwar ir-rahal u hadna wkoll inizjattiva li nirrangaw il-Berga. Ser inkomplu bil-hidma li nirangaw diversi toroq u bankini bl-ghajnuna tal-Gvern Centrali u se niehdu hsieb il- bdil ta' tabelli, zebgha tar- road markings u manutenzjoni ohra li jkun hemm bzonn fuq barra fit-toroq u l-ispazji pubblici tal-lokal.

Se norganizzaw diversi attivitajiet kultarali flimkien ma' attivitajiet ohra ghal-anzjani u z-zaghzagh taghna ghax il-Kunsill jemmen li jkun hemm aktar hegga bil- partecipazzjoni mir-residenti u l-hidma tal-Kunsill Lokali tkun tista' titla' skala ohra 'l fuq.

Il-Kunsill se japplika ghall- skemi li minn zmien ghal zmien jinhargu mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, fejn tinaghta ghajnuna finanzjarja sabiex nimplimentaw inizjattivi. Dawn jinvolvu restawr, *up-grades* fil-librerija taghna, aktar harsien ghall-annimali, *clean-ups*, attivitajiet fizici u hafna ohrajn.

Il-Kunsill se jahdem bla qies sabiex is-sitwazjoni finanzjarja titjib u jkun jista' jaghti lir-rezident dak li jixraqlu, ghaldastant hija x-xewqa li fis-snin li gejjijn ikolna Binja tal-Kunsill gdida li tkun *one-stop-shop* sabiex ir-rezident ikun moqdi bl-ahjar mod possibli minghajr skarigg.

Nixtieq intemm id-diskors tieghi billi nirringrazzja lil dawk l-entitajiet li tant urew solidarjeta mal-Kunsill taghna f'dawn il-ftit gimghat minn meta gejna eletti, li huma Infrastructure Malta, l-Awtorita tat-Turizmu, l-*Cleansing Department* u l-Minsitri kollha tad-distrett taghna u l-ahhar u mhux l-inqas, grazi mill-qalb lilkom ir-rezidenti tal-fiducja li tajtuna sabiex il-hidma taghna tkun success

**03** **Prezentazzjoni tar-Rapport Finanzjarju**

03/01 Is-Segretarju Ezekuttiv beda billi ta' rendikont ta' kif kienet komposta l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali u elenka lista ta' xogholijiet kif ukoll preparazzjonijiet godda b' konsistenza u b'responsabilta sabiex ir-rezident ikun moqdi bl-ahjar mod possibli.

Is-Sa. Emma Vella taghat rendikont dettaljat tal- finanzi tal-Kunsill u sahqet li se taghmel hilita sabiex tara l-Kunsill finanzjarment tajjeb u li l-Pjan ta' Ħidma jkun wiehed ta'success.

Is-Segretarju Ezekuttiv temmiet id-diskors billi rringrazzjat lill-amminsitrazzjoni, Sindku, Vici-Sindku u Kunsilliera ghall-ghajnuna u sapport li qed jaghtu u weghdet li l-hidma lejn dan il-lokal ser titkompla b' mod l-aktar efficienti u effetivita'.

**04** **Suggerimenti/Ilmenti mill-pubbliku**

04/01 Talba li jkun hemm pulizija prezenti waqt il-hin ta' l-iskola.

Is-Sindku wiegeb li se jsiru arrangamenti sabiex ikun hemm pulizija prezenti.

04/02 Ilma tax-xita jidhol fil-garaxxijiet Triq Dun Karm Sant.

Is-Sindku wiegeb li se jkun qed jinvestiga l-kaz.

04/03 Il-Kuntrattur tal-kenniesa mhux jiknes kullimkien.

Is-Sindku wiegeb li se jiehu hsieb din il-problema u johrog *default notices* f'dan ir-rigward u spjega kif diga gibed l-attenzjoni tal-Kuntratur.

04/04 Transport pubbliku sabiex jaghddi minn toroq fejn ir-rezidenti ghandhom il-boghod ghal-*istage*.

Is-Sindku informa lir-rezidenti li l-Kunsill qed jahdem sabiex ikollu *Electric Van* u jkun jista' jaqdi lill-dawn in-nies.

04/05 Problema ta' Transport pubbliku minhabba r-*roundabout* ta' Santa Lucija.

Is-Sindku spjega li din il-problema hija biss temporanja sakemm jitlestew ix-xogholijiet tar-*Roundabout*.

04/06 Bzonn ta’ Asphalt u trangar ta’ bankini fi Triq Sant’Anna u Triq il-Blata.

Is-Sindku informa r-rezidenti li se jkun qed jiehu hsieb din il-problema.

04/07 Klieb qed ihamgu l-gonna u s-sidien ma’ jnadfux.

Il-Kunsill wiegeb li se jikkunsidra jinstalla CCTV *Cameras*.

04/08 Sabiex isiru hofor fi Triq il-Knisja u tibda’ tkun imzejna fil-festa.

Is-Sindku inform lir-rezidenti li se jara x’jista’ jaghmel f’dan ir-rigward.

04/09 Ringrazjament lill-Kunsill tal-hidma li qed issir.

Il-Kunsill irringrazzja lura lir-rezidenti ta’ dan il-messagg.

04/10 Sabiex jitnehhew l-ingenji kbar li jinsabu hdejn Dar Nazzareth u Anglu Mangion ghax qieghdin ta’ periklu.

Il-Kunsill informa lir-rezidenti li se jkun qed jiddiskuti ma’ Transport Malta.

04/11 Spjegazzjoni rigward kemm qieghed id-deficit tal-Kunsill.

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega s-sitwazzjoni finanzjarja lir-rezidenti.

04/12 Grieden fi Triq Napuljun Caruana Dingli.

Is-Sindku wiegeb li se jkun qed jiehu hsieb din il-materja.

04/13 Rikjesta sabiex titranga l-bankina ta’ Triq Paola minhabba l-periklu ta’ tal-linja.

Is-Sindku spega lir-rezidenti li biex din il-problema tigi solvuta jrid jitnehha l-parkegg sabiex ikun hemm spazju u ghaldaqstant se tigi kreata problema ohra.

04/14 Rikjesta sabiex isiru zewg *Road Markings* li kienu tnehhew Triq Napuljun Caruana Dingli.

Is-Sindku wiegeb li se jkun qed jiehu hsieb li jsiru.

04/15 Rikjesta sabiex Triq Napuljun Caruana Dingli tigi *One-Way*.

Il-Kunsill wiegeb li se jkn qed jikkunsidra din il-proposta.

04/16 Sigra perikoluza Triq il-Kbira.

Is-Sindku wiegeb li se jmur fuq il-post sabiex jara kif se jsolvi din il-problema.

04/17 Sabiex ma' jsirx parkegg quddiem il-*Bus Stop* ta' ma genb il-Knisja.

Is- Sindku nforma lir-rezidenti li se jiehu hsieb din il-materja.

04/18 Aprezzament ta' kif qed tinzamm il-pagna ta' *Facebook* tal-Kunsill Lokali.

Il-Kunsill irrringrazzja lill-pubbliku prezenti ta' dan il-kumment.

04/19 Sabiex jiccaqlaq l-istage ta' fejn Dar Nazzareth.

Il-Kunsill wiegeb li se jkun qed jiddiskuti ma' Transport Malta sabiex isib alternattiva.

04/20 Problema ta' *Traffic Management* fi Triq an Anard u s-*Side Streets* ta' maghha.

Il-Kunsill wiegeb li se jkun qed jiddiskuti ma' Transport Malta proposti ohra ta' *Traffic Management* sabiex ikun aktar knovenjenti ghall-pubbliku.

04/21 Konferma ta' jekk hemx hin partikolari x'hin jista jibda l-iskjavar fit-toroq filoghdu partikolarment fejn qed isir issa fi Triq ir-Russett.

Il-Kunsill informa lir-rezidenti li skjavar fit-toroq jista' jibda mis-7am.

Il-laqgha spiccat fil- 11:15am.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| ____________________ | ____________________ |
| Joseph Abela Galea | Emma Vella |
| Sindku | Dep.Segretarju Ezekuttiv |